# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 2**

**Rikors Numru 137/14 SM**

**Luigi Agius**

**v.**

**Jimmy Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat li r-ritrattant ippreżenta fit-13 ta' Frar, 2014, li jaqra hekk:

> "Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet Luigi Agius bs Jimmy Vella, citazzjoni numru 112/12JA u deciza fis-27 ta' Frar 2013, kopja ta' liema sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata **dokument A**, fil-kontumacja tal-esponenti kellu jaghmel in forza tal-imsemmija sentenza, jekk dawn jibqghu ma jsirux sa zmien xahar mid-data tas-sentenza dawn kellhom isiru mill-attur, a spejjez tal-esponenti u taht is-sorveljanza tal-perit arkitett Valerio Schembri u dana wara fl-imsemmija sentenza l-ewwel Qorti ddikjarat fil-korp tal-istess sentenza u f'pagna 3 tal-istess "*rat illi l-konvenut,*

***debitament notifikat*** *naqas li jipprezenta risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci skond il-Ligi; ….*"

"Illi kif johrog bl-izjed mod car miz-zewg riferti li hargu l-Marixxlli, Julian Caruana fil-15 ta' Frar 2012 u Charles Buttigieg fit-2 ta' Ottubru 2012 l-esponenti ma kien qatt gie notifikat bic-citazzjoni in ikwistjoni, liema riferti negattivi qed jigu hawn annessi **dokument B u C** rispettivament.

"Illi l-izball li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti meta fis-sentenza ddikjarat illi l-esponenti kien fil-fatt gie nnotifikat bic-citazzjoni u ghalhekk ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza fil-kontumacja tieghu kien probabbilment minhabba l-kontenut tal-verbal tal-istess Qorti tal-31 ta' Ottubru 2012 meta hekk iddikjarat skond kif jidher mill-prime note tas-seduta ta' dak in-nhar kopja ta' liema verbal qed tigi hawn annessa u mmarkata **dokument D.**

"Illi ghalhekk ghandu jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi l-esponenti qatt ma kien notifikat skond il-Ligi u ai termini tal-Artikoli 187 u 188 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bir-rikors guramentat li abbazi tieghu nghatat is-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u ghaldaqstant is-sentenza in kwistjoni ghandha tigi mhassra kollox ai termini tal-Artikoli 811(b), 812 u 818(1)(b) tal-istess Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi l-esponenti ntebah l-ewwel darba bl-ezistenza tal-kawza fl-ismijiet Luigi Agius vs Jimmy Vella u meta rcieva minghand l-avukat Dr.. Reno Borg ittra legali datata tas-27 ta' Novembru 2013 segwita minn ohra datata 13 ta' Jannar 2014 u li fiha l-esponenti gie mitlub biex ihallas l-ispejjez u d-drittijiet tal-attur f'dik il-kawza liema ittra qed jigi hawn annessi u mmarkati rispettivament **dokument E u F**. Qed tigi ezebita wkoll risposta legali mibghuta mill-konsulent legali tar-rikorrenti b'risposta ghall-ittra tat-13 ta' Jannar 2014 b'din ir-risposta qieghda tigi wkoll annessa u mmarkata **dokument G**.

"Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti qatt ma gie debitament norifikat, skond il-Ligi, bl-atti tar-rikors guramentat tal-kawza fl-ismijiet imsemmija hawn ezebita u mmarkata **dokument A**.

"2. Konsegwentament thassar, tirrevoka u tanulla l-imsemmija sentenza.

"Bl-ispejjez kollha kontra Luigi Agius, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Jannar 2014 indirizzata lill-konsulent legali tieghu, Dr. Reno Borg u bl-ingunzjoni tal-imsemmi Luigi Agius ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tar-ritrattat li in forza tagħha eċċepixxa illi:

“1. Illi preliminarjament ir-rikors odjern huwa irritu u null peress li r-ritrattant huwa attur fil-kawza ta’ ritrattazzjoni u ghalhekk ma jistax jindika lilu nnifsu bhala konvenut stante li l-procedura ta’ ritrattazzjoni hija kawza gdida u mhux kontinwazzjoni ujew prolongazzjoni tal-ewwel kawza.

“2. Illi minghajr prgudizzju ghas-suespost ir-rikors odjern huwa irritu u null stnte li qed jigi mitlub it-thassir tas-sentenza minghajr mhu qieghed jintalab ir-ritrattazzjoni taghha mill-gdid. Il-procedura ta’ ritrattzzjoni tinporta zewg stadji – dik in rescindente u dik in rescissorio.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza saret tardivament peress li Jimmy Vella ilu jaf bis-sentenza ghal aktr minn tlett xhur minn meta intavola din il-kawza.

“4. Illi mhux minnu li l-istess Jimmy Vella ma giex notifikat skond il-ligi fl-ewwel kawza, izda kif jidher mir-riferta tal-marixxal ta ordni sabiex ma jigux accettati atti tal-qorti, u rifjut ta’ notifika jitqies mil-ligi bhala notifika effettiva.

“Ghaldaqstant it-talbiet kif kontenuti fir-rikors guramentat ta’ Jimmy Vella ghandhom jigu michuda. Bl-ispejjez kontra l-istess Jimmy Vella.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta’ Ġunju, 2015, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej:

“… … … tilqa’ l-ewwel risposta kif sollevata minn Luigi Agius, u ghalhekk:

“21.1. Tiddikjara l-procedura odjerna kif sollevata minn Jimmy Vella bhala irrita u nulla;

“21.2. Tissopprasjedi fuq l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra *stante* li issa jirrizultaw superati;

“21.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-fuq imsemmi Jimmy Vella.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat:

"6.0. Illi qabel xejn, analizi tal-fatti in dizamina jista` jigi elenkat bil-mod segwenti:

"6.1. Illi effettivament jirrizulta li l-kawza odjerna hi indikata fl-ismijiet Luigi Agius vs. Jimmy Vella, (ara okkju ta' l-istess kif indikat mir-rikorrenti bil-gurament tieghu stess a foll 1);

"6.2. Illi pero`, *nonstante* li Jimmy Vella qieghed hekk indikat bhala l-persuna lanjata, qieghed fil-fatt jilmenta u jagixxi hu stess bhala persuna lanjanti u allura, bhala rikorrenti;

"Ikkunsidrat:

"7.0. Illi rikors promotur ghandu jigi intavolat bil-mod kif stabbilit fl-artiklu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li sintitkament jistabbilixxi s-segwenti:

"7.1. Illi rikors guramentat ghandu jitlesta mill-attur;

"7.2. Illi dan ghandu jkollu essenzjalment is-segwenti:

"7.2.1. L-oggett tal-kawza li jaf personalment f'paragrafi numerati;

"7.2.2. Ir-raguni tat-talba;

"7.2.3. It-talbiet, ukoll enumerati;

"8.0. Illi l-intimat ghandu jipprezenta r-risposta guramentata fiz-zmien indikat u *ai termini* ta' dak stabbilit fl-artiklu 158 ta' l-imsemmi Kap, u jekk it-talbiet tar-rikorrenti ma jkunux ser jigu ammessi mill-intimat, ghandu:

"8.1. Jipprezenta l-eccezzjonijiet li jitqiesu rinunzjati jekk ma jingibux fil-bidu tal-kawza;

"8.2. Jipprezenta eccezzjonijiet fuq il-mertu;

"8.3. Jiddikjara il-fatti bil-gurament f'paragrafi enumerati wkoll;

"Ikkunsidrat:

"9. Illi ghalhekk *ictu oculi* il-procedura odjerna tippekka gravament fil-logika procedurali kif stabbilita fl-artikli tal-Kap 12 fuq riferiti;

“10. Illi minn analizi ta’ l-istess ghandu jkun pacifiku li hu biss ir-rikorrenti li hu intitolat jipprezenta l-ilment tieghu gudizzjarjament;

“11. Illi *a rigor di logica*, hu biss l-intimat li ghandu jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti;

“12. Illi dawn is-suggetti tad-dritt hekk moghtija il-kapacita` li jintervjenu gudizzjarjament huma biss dawk kif jirrizultaw fl-okkju li jindika l-protagonisti tal-procedura u il-kapacita` taghhom fl-istess;

“Ikkunsidrat:

“13. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li dan hu determinat mill-okkju li jaghti bidu ghal-procedura u jiddetermina l-kuntest in dizamina;

“14.0. Illi minn ezami ta’ l-okkju li ta’ bidu ghall-procedura odjerna jirrizulta s-segwenti: (ara foll 1)

“14.1. Illi r-rikorrenti attur hu Luigi Agius;

“14.2. Illi l-intimat eccipjenti hu Jimmy Vella;

“14.3. Illi *di piu`*, l-istess rikors guramentat promotur hekk indikat bl-okkju fuq riferit hu intestat bis-segwenti:

“Cit. Nru. 112/12JA”, (ara foll 1);

“Ikkunsidrat:

“15. Illi in effetti l-procedura odjerna ggib numru differenti, senjatament Rikors Numru 137/14/SM – mhux kif indikat fl-okkju in dizamina b’tipa grassa fil-procedura odjerna, (ara foll 1);

“Ikkunsidrat:

“16. Illi tenut kont tas-suespost, ir-rikorrenti odjern jirrizulta li hu Luigi Agius;

“17. Illi ghalhekk hu biss l-imsemmi Agius li hu statutorjament legittimament indikat u allura awtorizzat li jipprezenta l-lanjanzi tieghu fil-procedura odjerna;

“18. Illi bil-maqlub jirrizulta li hu l-intimat Jimmy Vella li qieghed jipprezenta l-ilmenti u t-talbiet tieghu biex dawn jirrispondihom ir-rikorrenti Agius;

"Ikkunsidrat:

"19. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li hawn *si tratta* ta' konfuzjoni procedurali li mhix kontemplata fil-ligi u ma tistax tigi tollerata;

"20. Illi ghalhekk din il-procedura hi rrita u nulla, u ma tistax tattira l-avall ta' din il-qorti;"

Rat ir-rikors tal-appell tar-ritrattand Jimmy Vella li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-appellat u konsegwentement tirrimetti l-atti tal-kawża lura lill-ewwel Onorabbli Qorti biex il-kawża tkompli tinstema' quddiemha u tiġi minnha ttrattata u deċiża.

Rat ir-risposta ta' Luigi Agius li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawża ta' ritrattazzjoni a bażi tal-Artikoli 811(b) u 818(1)(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Ir-ritrattand Jimmy Vella qed jissottometti illi hu spiċċa sokkombenti f'kawża li nfetħet kontra tiegħu wara li ġie dikjarat li kien notifikat bl-att promotur u baqa' kontumaċi. Hu jiċħad li kien ġie debitament notifikat u kwindi qed jitlob ir-revoka tas-sentenza li ngħatat kontra tiegħu.

Il-kawza tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tar-ritrattat Agius, iżda wara li l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u ddikjarat il-proċedura irrita u nulla, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża.

L-ewwel eċċezzjoni hi fis-sens li r-rikors hu null għax filwaqt li s-suppost ritrattand huwa Jimmy Vella, huwa jidher bħala "konvenut" fl-okkju tal-kawża. L-ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni għax qalet li kif saret il-kawza si tratta "*ta' konfużjoni proċedurali*". Ir-ritrattand Vella appella mis-sentenza, u din il-Qorti tgħid mill-ewwel li taqbel mas-sottomissjoni tiegħu. Hu veru li, mill-okkju tal-kawża, Vella jidher li hu konvenut, pero`, l-okkju kellu jirrifletti l-okkju tal-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. L-okkju huwa l-istess tal-kawża fejn kien sokkombenti (rikors nru. 112/12), iżda l-konvenut tellief, jekk iħoss li hemm raġunijiet validi biex il-kawża tiġi ritrattata, għandu jżomm l-istess okkju u jiftaħ

proċeduri ġodda hu, u jilbes il-vesti ta' "attur". Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawża **Busuttil v. Gauci** deciza fl-24 ta' Jannar, 1997, billi kawża ta' ritrattazzjoni tirreferi għas-smigħ mill-ġdid tal-ewwel kawża, l-okkju għandu jitħalla l-istess.

Hu veru li hemm sentenzi li jgħidu li proprjament l-okkju għandu jinqaleb f'kawża ta' ritrattazzjoni (ara **Farrugia noe. v. Mallia noe**, deċiża wkoll minn din il-Qorti fil-5 ta' Marzu, 1979), iżda l-ġurisprudenza tammetti ż-żewġ modi ta' kif jitniżżel l-okkju. Fil-kawża **Ferando v. Bianchi**, deċiża minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-12 ta' Mejju, 2003, intqal li l-okkju għandu jkun identiku (**Farrugia v. Schembri**, deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 1996), għalkemm jista' jkun invertit (**Mejlaq v. Bugeja**, deciża minn din il-Qorti fit-13 ta' Ġunju, 1995). Ma jidhirx, għalhekk, li hu di rigur li tiġi segwita prassi flok l-oħra. Il-forma li jieħu l-okkju mhux importanti, għax dak li hu importanti huwa li l-ġudizzju jiġi identifikat u li l-partijiet f'dik il-kawża jkunu partijiet fil-kawża ta' ritrattazzjoni; dan apparti li tale nullita` mhux kontemplata fl-Artikolu 789 tal-imsemmi Kap. 12.

Peress li din kienet l-unika eċċezzjoni deċiża mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tarax li għandha tinvesti l-eċċezzjonijiet l-oħra li kollha, għalhekk, jibqgħu impreġjudikati.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Jimmy Vella billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' Luigi Agius, u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-każ, anke fid-dawl tal-eċċezzjonijiet l-oħra tar-ritrattat Luigi Agius.

L-ispejjeż marbuta ma' dan l-inċident, inklużi dawk marbuta mas-sentenza in prim istanza, jitħallsu mir-ritrattat Luigi Agius.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df